Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,738, 19 ta' Novembru, 2021
Taqsima B

A.L. 445 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Library and Information Sciences – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Library and Information Sciences – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Library and Information Sciences – M.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Library and Information Sciences – M.A.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Library and Information Sciences – P.G. Cert.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Library and Information Sciences – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2021 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II fin-Knowledge and Information Management minn din l-Università, jew istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra approvata mis-Senat; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III fin-Knowledge and Information Management minn din l-Università, jew minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra approvata mis-Senat, sakemm li dawn l-applikanti jkunu meħtieġa jippreżentaw portafoll li fih jiddokumentaw u jagħtu prova ta' deskrizzjoni tal-esperjenza professjonali fil-librerija, fl-arkivji jew fis-settur tal-information management, liema esperjenza kienet miksuba wara li kisbu l-grad ta' Bachelor. L-applikanti li għandhom grad fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III għandhom jitħallew jipproċedu bil-komponent tar-riċerka soġġett li jiksbu marka medja ta' mhux inqas minn 55% fil-komponent mgħallem; jew

(ċ) grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi Unuri jew Kategorija II fi kwalunkwe suġġett ieħor, minn din l-Università, jew istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra approvata mis-Senat, jissodisfaw lill-Bord li huma għandhom kwalifiki oħra, inkluż esperjenza relevanti, li kienet miksuba wara li kisbu l-grad ta' Bachelor; jew

(2) Il-Bord tad-Dħul, fuq rakkomandazzjoni tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, jista' jħallu jidħlu fil-Kors applikanti li għandhom id-Diploma in Archives and Records Management b'tal-anqas għaddew b'Mertu, miksuba minn din l-Università, jew kwalifika ekwivalenti miksuba minn kwalunkwe istituzzjoni edukazzjoni ogħla oħra approvata mis-Senat. Dawn l-applikanti jkunu meħtieġa li juru t-tagħlim milħuq permezz ta' esperjenza passata u ċertifikazzjoni permezz tal-proċeduri tal-evalwazzjoni stabbiliti mill-Politika tal-Università għall-Akkreditazzjoni ta' Tagħlim Preċedenti. Id-dħul ta' dawn l-applikanti tista' tkun soġġetta għal dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu imponuti biex jindirizzaw kwalunkwe lakuni fil-preparazzjoni akkademika tal-applikanti.

(3) L-applikanti skont is-sottoparagrafi (b) u (ċ) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament ikunu meħtieġa li joqogħdu għal intervista minn bord maħtur għal dan il-għan, biex jassessjaw il-kompetenza tagħhom biex isegwu l-Kors bi profitt. Il-Bord għandu jħabbar il-kriterji tal-valutazzjoni għad-dħul fil-Kors fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(4) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul minn għall-anqas tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq sitt semestri ta' studju fuq bażi *part-time* li għandhom jinkludu l-perijodi tas-sajf.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

6. L-istudenti li jtemmu b'suċċess sett preskritt ta' taqsimiet studju mgħallma ta' 30 krettu ECTS b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess il-Kors, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate.

7. L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

8. L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu d-90 krettu ECTS kif imsemmi fil-programm ta' studju għall-Kors b'marka medja ta' mill-anqas 50%.

9. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

10. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS jingħataw l-opportunità li jagħmlu mill-ġdid il-valutazzjonijiet li weħlu fihom matul is-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjonijiet

11. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' bejn il-15,000 u l-20,000 kelma, skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jibda matul l-aħħar semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari matul il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u proposta ta' riċerka għandhom ikunu ppreżentati lill-Bord għall-approvazzjoni mhux aktar tard minn sitt ġimgħat qabel it-tmiem tat-tieni semestru.

12. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibagħtu lill-Bord rapport dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom lejn l-aħħar ta' kull semestru ta' studju. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet li jew (a) jiġi estiż il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

13. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.